MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Numru 304/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Edward Dalli**

**Illum 26 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Edward Dalli iben John u Josephine nee` Tortell, imwieled Sliema fl-1 ta' Mejju 1970 u detentur ta' karta ta' l-identita` nru 207970M residenti nru 12, Triq il-Maghasar, Gudja gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Frar 2005 ghal-habta ta' 13.25hrs fi Triq il-Maghasar gewwa l-Gudja, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra, li

ma titqiesx vjolenza publika fuq il-Local Wardens No359 Johan Aquilina u No209 Melvin Darmanin respettivamen, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzjoni tal-Ligi, jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, bi ksur tal-art 96(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess jum lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara fuq vettura tal-marka Citroen Saxo, bin-numru tar-registrazzjoni CBK019, liema hsara tiskorri l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira, ghad-dannu ta' Sterling Car Rentals Ltd, bi ksur tal-art 325 (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku b'ghajjat u glied fil-publiku, bi ksur tal-art 338(dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

F'kas ta' htija il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex taplika l-artiklu 383(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-istess Johan Aquilina u Melvin Darmanin.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu tal-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u hallas il-hsara rigwardanti it-tieni akkuza liema hsara mhux fuq proprjeta` pubblika.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 96(a), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Edward Dalli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u hallas il-hsara rigwardanti it-tieni akkuza liema hsara mhux fuq proprjeta pubblika, li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu tal-akkadut u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda.

Il-Qorti qeghda wkoll, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Edward Dalli b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil-Local Wardens No359 Johan Aquilina u No209 Melvin Darmanin ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Edward Dalli l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------